**Dejjem daħkan**

Hekk niftakrek għażiż ħija
Waqt li bit-trolley kont indur,
Ngħaddi minn ħdejk b'dik il-lajma
Kont insibek b'kuraġġ ta' sur.

Il-ħlewwa kbira ta' qalbek
Kienet tixhed x'raġel int kont,
Meta smajt aktar fuq ħajtek
Irrejalizzajt li kont pont.

U mbagħad xi ngħidu għar-reqqa
Li biha qdejt il-missjoni,
Lejn Alla u anki l-proxxmu
Kont tassew motivazzjoni.

U għall-fidi kbira tiegħek
Li biha kont tassew xempju,
Sieħbet sewwa dik imħabbtek
Li wriet ruħha wkoll fit-tempju.

Raġel ta' karattru w sinsla
Għal dejjem tibqa' tissemma',
L-għaliex ismek juri b'qawwa
L'Alla ħellies li mis-sema.

Jinżel fostna, jimxi magħna
Iħabbatilna lkoll fuq qlubna,
Kull ħin jiġi iservina
Ibda' biex jaħfrilna dnubna.

Niżżik ħajr ħija hekk umli
Bil-wisq ħabib t'Alla Setgħan,
Strieħ issa għal dejjem miegħu
Int ir-raġel dejjem daħkan.

Patri Mario Attard OFM Cap
25 t'Ottubru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.